**RAPPORT DWAR INVESTIGAZZJONI**

| | |
|---|---|
| **Każ Nru:** | K/082 |
| **Allegazzjoni:** | Ħruġ ta' stqarrija uffiċjali li tinkludi kontenut ta' natura partiġġjana |
| **Ilmentaturi:** | L-Onor. Mark Anthony Sammut u l-Onor. Dr Joe Giglio |
| **Data tal-Ilment:** | 3 ta' Lulju 2025 |
| **Data ta' Dan ir-Rapport:** | 19 ta' Awwissu 2025 |

**L-Ilment**

1. Fit-3 ta' Lulju 2025, l-Onor. Mark Anthony Sammut u l-Onor. Dr Joe Giglio (l-Ilmentaturi) kitbu lil dan l-Uffiċċju biex jitolbu investigazzjoni tal-Onor. Dr Chris Bonett, Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi.

2. L-ilment jittratta dwar stqarrija maħruġa fil-ġurnata ta' qabel mill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi permezz tad-Dipartiment tal-Informazzjoni. L-Ilmentaturi oġġezzjonaw għal dawn is-siltiet tal-istqarrija:

> *Il-fatt li l-Partit Nazzjonalista konsistentament jipprova jattakka r-riformi u fl-istess nifs jgħid li l-Gvern qed jikkopja l-ideat tagħhom turi immaturità politika, nuqqas ta' kredibilità u aktar minn hekk konferma li l-Oppożizzjoni ma tridx li t-trasport verament jiġi indirizzat f'pajjiżna. Komdi biss jikkritikaw imma ma jipproponu xejn.*
>
> *L-istqarrija tad-deputati Mark Anthony Sammut u Joe Giglio mimlija ineżattezzi u anke nuqqas ta' verità u jidher ċar li l-politika tagħhom hija dettata minn terzi u mhux minnhom jew mill-Partit Nazzjonalista.*

> [...] *Dan għad-differenza ta' amministrazzjonijiet preċedenti u l-oppożizzjoni tal-ġurnata li qatt ma offriet xejn f'dan is-settur u għadha bla ideat sal-lum.*

3. L-Ilmentaturi qalu: "*Fil-fehma tagħna dawn il-kummenti partiġġjani u inveritieri, kif ukoll it-ton u l-kontenut tal-imsemmija stqarrija, jammontaw għal ksur ta' numru ta' dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari*". Huma kkwotaw l-artikoli 4.9, 4.10 u 7.4 ta' dan il-kodiċi, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta).

4. L-Ilmentaturi rriferew għall-każi K/004, K/030 u K/058, deċiżi minn dan l-Uffiċċju fid-9 ta' Awwissu 2019, il-25 ta' Jannar 2021 u t-30 ta' Awwissu 2024 rispettivament. Huma qalu:

> *Ippermettilna nenfasizzaw miegħek ukoll li, fid-dawl ta' dawn iż-żewġ rapporti, il-Ministri u s-Segretarji Parlamentari żgur huma kollha konxji li m'għandhomx jużaw id-Dipartiment tal-Informazzjoni biex joħorġu stqarrijiet tat-tip li diġà ġie misjub mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika li jiksru l-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari.*
>
> *Għalhekk fil-fehma umli tagħna, huwa meħtieġ li dan l-aġir jiġi kkundannat u jkun hemm l-impożizzjoni ta' sanzjoni, u mhux sempliċiment tiġi aċċettata xi stqarrija tal-Ministru Bonett lill-uffiċċju mmexxi minnek bħala rimedju għall-ksur ċar u manifest tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li issa qed isir b'mod ripetut.*

5. L-ilment huwa anness ma' dan ir-rapport u mmarkat **Dokument A**. L-istqarrija uffiċjali li hija s-suġġett tal-ilment hija annessa wkoll ma' dan ir-rapport bħala d-**Dokument A1**.

**Deċiżjoni li Ssir Investigazzjoni**

6. Is-sottoskritt deherlu li dan il-każ kien jimmerita investigazzjoni fid-dawl tad-dispożizzjonijiet fil-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari li ssemmew mill-Ilmentaturi. Dawn id-dispożizzjonijiet jgħidu hekk:

*4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.*

*4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.*

*7.4 Il-Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubbliku ma tkunx abbużata. Il-Ministri għandhom id-dover li qabel jaslu għal xi deċiżjoni huma jagħtu kunsiderazzjoni xierqa lill-firxa kemm jista' jkun wiesgħa ta' pariri, inkluż billi jagħtu piż lill-parir infurmat u imparzjali tal-uffiċjali jew impjegati pubbliċi.*

**Il-Kuntest**

7. Fis-6 ta' Frar 2019 il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ta' dak iż-żmien, Dr George Marius Hyzler, irċieva lment kontra l-Ministru Konrad Mizzi minħabba stqarrija uffiċjali maħruġa mill-ministeru tiegħu permezz tad-Dipartiment tal-Informazzjoni (DOI). Il-Kummissarju Hyzler ikkonkluda li l-istqarrija in kwistjoni ma messhiex ħarġet bħala stqarrija uffiċjali minħabba t-ton u l-kontenut tagħha.

8. Il-Ministru Mizzi impenja ruħu biex jara li l-uffiċjali tiegħu ikunu aktar sensittivi għad-distinzjoni bejn materji uffiċjali u materji ta' natura privata jew partiġġjana, u ma jinqdewx mis-servizzi tad-DOI fir-rigward ta' materji ta' din in-natura. Abbażi ta' dan l-impenn, il-Kummissarju Hyzler għalaq il-każ taħt l-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.[1] Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Kummissarju għall-Istandards jista' jagħlaq każ jekk il-każ ma jkunx ta' xorta gravi u l-persuna li ġiet investigata tirrimedja l-ksur ta' etika b'mod li l-Kummissarju jqis adegwat.

9. Fl-1 ta' Novembru 2020 il-Kummissarju Hyzler irċieva lment kontra l-Ministru Silvio Schembri, ukoll minħabba stqarrija uffiċjali maħruġa mill-ministeru tiegħu permezz tad-DOI. Il-Kummissarju Hyzler ikkonkluda li din l-istqarrija kien fiha kontenut ta' natura partiġġjana li ma messux ġie inkluż.

[1] Ara r-rapport dwar il-każ K/004, maħruġ fid-9 ta' Awwissu 2019 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K004.pdf.

Huwa għalaq dan il-każ taħt l-artikolu 22(5) tal-Att abbażi ta' impenn da parti tal-Ministru Schembri li jagħmel kull sforz biex jevita li stqarrijiet maħruġa permezz tad-DOI ikun fihom kontenut simili. Il-Kummissarju Hyzler qal ukoll li kien bi ħsiebu jittratta każijiet simili futuri b'mod aktar serju.[2]

10. Fiż-żewġ rapporti, il-Kummissarju Hyzler irrakkomanda li stqarrijiet maħruġa mid-DOI għandhom ikunu fattwali u mhux partiġġjani, u li għandha tiġi mfassla policy dwar x'tip ta' stqarrijiet jistgħu jinħarġu permezz tad-DOI.

11. Fis-26 ta' Frar 2024, is-sottoskritt irċieva lment kontra l-Ministru Miriam Dalli minħabba stqarrija uffiċjali maħruġa mill-ministeru tagħha permezz tad-DOI. Is-sottoskritt ikkonkluda li partijiet minn din l-istqarrija għamlu referenza għall-partit fl-oppożizzjoni b'mod li ma kienx xieraq fi stqarrija uffiċjali.[3] Huwa għalaq dan il-każ taħt l-artikolu 22(5) tal-Att abbażi ta' apoloġija mill-Ministru Dalli talli ġew inklużi siltiet ta' natura partiġġjana fi stqarrija uffiċjali maħruġa mill-ministeru tagħha, u impenn li dan ma jerġax jiġri fil-futur.

12. Fir-rapport tiegħu dwar dan il-każ, is-sottoskritt tenna r-rakkomandazzjoni tal-Kummissarju Hyzler li għandha tiġi mfassla policy dwar x'tip ta' stqarrijiet jistgħu jinħarġu permezz tad-DOI.

13. Is-sottoskritt żamm f'moħħu t-twissija tal-Kummissarju Hyzler li kien bi ħsiebu jittratta każijiet simili b'mod aktar serju fil-futur. Madankollu s-sottoskritt xorta deherlu li kellu jikkonkludi l-każ tal-Ministru Dalli taħt l-artikolu 22(5) tal-Att. Dan kien għal żewġ raġunijiet:

(a) kienu għaddew aktar minn tliet snin u nofs minn meta l-Kummissarju Hyzler ikkonkluda l-każ K/030; u

(b) dak iż-żmien l-Onor. Dalli ma kinitx parti mill-eżekuttiv.

14. Sussegwentement l-attenzjoni tas-sottoskritt inġibdet għall-fatt li għalkemm l-Onor. Miriam Dalli kienet għadha ma saritx ministru meta seħħ il-każ K/030, hija laħqet inħatret bħala ministru sa meta l-Kummissarju Hyzler ħareġ ir-rapport tiegħu dwar dak il-każ. Għalhekk ir-raġuni (b) ma kinitx

---

2 Ara r-rapport dwar il-każ K/030, maħruġ fil-25 ta' Jannar 2021 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/Commissioner-for-Standards-case-report-K030.pdf.

3 Ara r-rapport dwar il-każ K/058, maħruġ fit-30 ta' Awwissu 2024 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/commissioner-for-standards-case-report-k058.pdf.

tgħodd. Madankollu, is-sottoskritt deherlu li r-raġuni (a) waħedha xorta kienet tiġġustifika l-applikazzjoni tal-artikolu 22(5) fil-każ tal-Ministru Miriam Dalli.[4]

**Proċedura tal-Investigazzjoni**

*Korrispondenza mal-Ministru Chris Bonett*

15. Fit-8 ta' Lulju 2025, dan l-Uffiċċju kiteb lill-Ministru Chris Bonett biex jirreferilu l-ilment u jitlob il-veduti tiegħu dwaru (ittra annessa u mmarkata **Dokument B**).

16. Il-Ministru Bonett wieġeb fil-5 ta' Awwissu 2025 (ittra annessa u mmarkata **Dokument Ċ**). Huwa rrefera għar-responsabbiltà kollettiva tal-Kabinett lejn il-Parlament li toħroġ mill-artikolu 79(2) tal-Kostituzzjoni. Qal li din ir-responsabbiltà toħloq id-dmir li ministru jirreaġixxi b'mod ċar, pront u effikaċi, permezz tal-għodda komunikattiva tal-ministeru tiegħu, sabiex jikkoreġi l-fatti jekk l-oppożizzjoni tagħmel kritika inveritiera.

17. Il-Ministru Bonett qal:

> *Nitolbok kordjalment terġa' tara l-istqarrija tal-Ministeru, u se ssib li l-fokus huwa b'reazzjoni għall-ineżattezzi magħmula fl-istqarrija li kienet qed tiġi mwieġba – l-enfasi baqgħet fuq id-dibattitu dwar il-policy tal-Gvern fis-suġġett in diskussjoni, u ma ntuża l-ebda insult personali jew lingwaġġ mhux xieraq.* [...]
>
> [...] *il-Ministri jintgħażlu fost il-membri tal-Kamra tad-Deputati u persuna li ma huwiex membru tal-Kamra tad-Deputati ma jistax ikun Ministru. Il-Ministri, by design, huma u għandhom ikunu politiċi ta' partit, u ministru huwa inerentement figura politika.* [...] *Għalhekk hu impossibbli li wieħed jissepara kompletament il-vuċi istituzzjonali ta' Ministru mill-identità politika tiegħu; il-Kostituzzjoni nnifisha tagħmel din il-koeżistenza inevitabbli. It-test ma għandux ikun il-vejikolu użat, iżda l-lingwaġġ.*

18. Il-Ministru Bonett qal li kien ironiku li l-Ilmentaturi rriferew għall-artikolu 4.9 tal-kodiċi ta' etika ministerjali, għaliex huma stess kisru d-dover ta' separazzjoni bejn l-irwol ta' deputat u dak ta' membru ta' partit politiku meta

---

4 Ara l-ittra tas-sottoskritt datata 5 ta' Settembru 2024 u aċċessibbli minn https://standardscommissioner.mt/wp-content/uploads/letter-to-karol-aquilina-2024-09-05.pdf.

attakkaw il-politika tal-gvern dwar it-trasport waqt konferenza stampa tal-Partit Nazzjonalista.

19. Il-Ministru qal li l-istqarrija maħruġa mill-ministeru tiegħu kienet "*indirizzata lejn materja ta' politika pubblika*" u "*immirata biex tindirizza l-ineżattezzi fattwali, anke dawk magħmula b'intenzjoni ħażina*." Il-Ministru qal li huwa raġonevoli li juża mezzi uffiċjali biex iwieġeb stqarrija mill-oppożizzjoni li għandha ton partiġġjan u hija indirizzata direttament lilu. Qal li r-risposta tal-ministeru tiegħu ma tat ebda forma ta' vantaġġ politiku lilu.

20. Finalment, il-Ministru Bonett qal li dan il-każ ma jistax jiġi mxebbaħ ma' każijiet oħra li mad-daqqa t'għajn jistgħu jidhru simili.

*Id-dritt ta' aċċess għall-provi u smigħ xieraq*

21. L-artikolu 18(3) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika jgħid li l-Kummissarju għall-Istandards "*ma għandux jagħmel xi sejba jew rakkomandazzjoni dwar persuna li tkun qiegħda tiġi investigata mingħajr ma jkun ta lil dik il-persuna aċċess għall-provi kollha u d-dritt għas-smigħ skont il-prinċipji tas-smigħ xieraq*."

22. Il-Ministru Bonett ingħata d-dritt tas-smigħ permezz tal-ittra ta' dan l-Uffiċċju tat-8 ta' Lulju 2025 (id-Dokument B). Is-sottoskritt qagħad fuq ir-risposta tal-Ministru u ma ħassx il-bżonn li jagħmel investigazzjoni ulterjuri. Għalhekk m'għandux provi xi jforni lill-Ministru għall-finijiet tal-artikolu 18(3) tal-Att. Għaldaqstant l-artikolu 18(3) ġie sodisfatt safejn japplika, u l-każ jista' jiġi konkluż.

**Konsiderazzjonijiet**

23. Fir-risposta tiegħu lil dan l-Uffiċċju, il-Ministru Bonett jgħid li l-istqarrija maħruġa mill-ministeru tiegħu permezz tad-DOI kienet intiża biex tikkoreġi ineżattezzi fattwali f'dak li ntqal mill-membri tal-oppożizzjoni. Però l-istqarrija mkien ma tispeċifika x'inhuma dawn l-ineżattezzi, u wisq inqas tikkoreġihom.

24. Il-Ministru Bonett jgħid ukoll li l-istqarrija tal-ministeru tiegħu ma fiha ebda insult personali jew lingwaġġ mhux xieraq. Minkejja dan, l-istqarrija takkuża lill-oppożizzjoni li hija politikament immatura u nieqsa mill-kredibilità; ma tridx li t-trasport verament jiġi indirizzat; u hija komda tikkritika mingħajr ma tipproponi xejn. Immedjatament wara li tgħid hekk, l-istqarrija ssemmi lill-Ilmentaturi, u b'hekk il-qarrej jifhem li dawn l-akkużi huma indirizzati lejhom

b'mod partikolari. L-istqarrija takkużahom direttament li "*l-politika tagħhom hija dettata minn terzi*". L-istqarrija tikkonkludi billi tgħid li l-oppożizzjoni "*qatt ma offriet xejn f'dan is-settur u għadha bla ideat sal-lum*".

25. Attakki politiċi u partiġġjani bħal dawn ma jmisshom qatt jidhru fi stqarrijiet maħruġa mill-gvern ta' pajjiż modern ewropew. Is-sottoskritt itenni dak li diġà qal fil-każ K/058, jiġifieri li stqarrijiet tal-gvern għandhom ikunu dejjem fattwali anki jekk jinħarġu b'risposta għal kritika partiġġjana. Jekk ministru jħoss li għandu jwieġeb hu wkoll b'mod partiġġjan, jista' juża l-mezzi soċjali personali tiegħu jew il-mezzi tal-partit politiku tiegħu, kif isir ta' spiss.[5]

26. Il-Ministru Bonett jipprova jiġġustifika l-istqarrija billi jgħid li ma tistax tissepara kompletament l-irwol uffiċjali ta' ministru minn dak ta' deputat u politiku. Is-sottoskritt ma jistax jaċċetta dan l-argument. Anki fir-Renju Unit, il-ministri jintgħażlu esklussivament minn fost deputati parlamentari, iżda xorta waħda l-kodiċi ministerjali ta' dan il-pajjiż jgħid "*Official facilities paid for out of public funds should be used for government publicity and advertising but may not be used for the dissemination of material which is essentially party political.*"[6]

27. Il-kodiċi ministerjali tar-Renju Unit jirreferi għal regoli aktar dettaljati dwar il-komunikazzjoni tal-gvern, imsejħin "*Propriety & Ethics Guidance for Government Communicators*". Dawn ir-regoli jagħmluha ċara li stqarrijiet uffiċjali għandhom ikunu oġġettivi u m'għandhomx jinkludu kontenut ta' natura polemikuża jew partiġġjana:

> *The focus of government communications must be on areas where the Government has direct and significant responsibilities, i.e. explaining government policy and decisions, or alerting the public during times of crisis. Government communication needs to be justified in these terms, and* ***not stray into areas which are party political*** *or which cannot be linked back to core government responsibilities.* [...]
>
> *It is important that any information shared with the public, either directly or via the media, is as objective as possible.* [...] *It should not be biased in terms of how the information is presented or what is shared with the*

---

5 Ara l-paragrafu 12 tar-rapport dwar il-każ K/058 (nota 3 fuq).

6 Ara l-paragrafu 8.1 tal-kodiċi ministerjali tar-Renju Unit, aċċessibbli minn https://www.gov.uk/government/publications/ministerial-code.

*public.* ***Government communications should not attack or be critical of groups which may oppose a decision or policy.*** [...]

*As a civil servant, it is our duty to present and describe the policies of a Minister, and to put forward the Minister's justification in defence of them. However,* ***it would not be appropriate to justify or defend those policies in party political terms.*** *As set out above, whilst it may be necessary to respond to the policies or opinions of opposition parties and groups,* ***this should be done carefully, factually and objectively****.* [Enfasi miżjuda.][7]

28. Sew il-Kummissarju Hyzler u sew is-sottoskritt irrakkomandaw li d-Dipartiment tal-Informazzjoni ta' Malta għandu jadotta policy fuq l-istess linji. Hija ħasra li din ir-rakkomandazzjoni ma ġietx segwita. Is-sottoskritt għal darb'oħra jtenni l-istess rakkomandazzjoni.

29. Punt ieħor imqajjem mill-Ministru Bonett kien li l-Ilmentaturi stess naqsu milli josservaw id-dover ta' separazzjoni bejn l-irwol ta' deputat parlamentari u dak ta' membru ta' partit politiku. Il-Ministru Bonett jgħid li dan id-dover joħroġ mill-artikolu 4.9 tal-kodiċi ministerjali.

30. Is-sottoskritt jidhirlu iżda li l-artikolu 4.9 jimponi dover ta' separazzjoni biss bejn l-irwol ta' ministru u dak ta' deputat, u bejn l-irwol ta' ministru u dak ta' membru ta' partit politiku. Dan l-artikolu ma jimponix dover ta' separazzjoni bejn l-irwol ta' deputat parlamentari u dak ta' membru ta' partit politiku. Il-kodiċi ministerjali ma jistax jimponi obbligi fuq id-deputati parlamentari kollha, għaliex japplika biss għall-ministri u s-segretarji parlamentari. Il-Kodiċi ta' Etika tal-Membri tal-Kamra tad-Deputati (li jinsab fl-ewwel skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika) ma jinkludix dover simili.

## Konklużjoni

31. Għar-raġunijiet mogħtija fuq, hija l-konklużjoni tas-sottoskritt li l-każ preżenti jirrappreżenta ksur tal-artikoli 4.9, 4.10 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari.

[7] Dawn is-siltiet huma meħudin mill-paġna "*Propriety & Ethics Guidance for Government Communicators*" tal-gvern tar-Renju Unit, aċċessibbli minn https://gcs.civilservice.gov.uk/publications/propriety-guidance/#guiding-principles.

32. Is-sottoskritt jirreferi għad-dikjarazzjoni tal-Kummissarju Hyzler, fir-rapport tiegħu dwar il-każ K/030, li kien bi ħsiebu jittratta każijiet simili futuri b'mod aktar serju. Is-sottoskritt jaqbel li l-inklużjoni ta' kontenut partiġġjan fi stqarrijiet uffiċjali tal-gvern timmerita trattament aktar serju.

33. Fil-każ K/058 is-sottoskritt deherlu li kien hemm raġunijiet li ġġustifikaw l-applikazzjoni tal-artikolu 22(5) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika. Fil-każ preżenti, però, dawn ir-raġunijiet ma japplikawx. L-aktar każ riċenti dwar l-istess materja, jiġifieri propju l-każ K/058, seħħ inqas minn sena ilu, u dak iż-żmien il-Onor. Dr Bonett diġà kien ministru.

34. Il-Ministru Bonett jgħid li l-każ preżenti m'għandux jiġi mxebbaħ ma' każijiet oħra li mad-daqqa t'għajn jistgħu jidhru simili. Minkejja dan, is-sottoskritt jara similarità kbira bejn il-każ preżenti u l-każ K/058. Iż-żewġ każijiet jikkonċernaw kontenut partiġġjan fi stqarrija uffiċjali, u fiż-żewġ każijiet l-istqarrija uffiċjali ġiet ġustifikata bħala sforz biex tikkoreġi stqarrija skorretta u partiġġjana maħruġa mill-oppożizzjoni.

35. Għalhekk is-sottoskritt jidhirlu li dan il-każ għandu jiġi kkunsidrat mill-Kumitat Permanenti tal-Parlament dwar l-Istandards fil-Ħajja Pubblika, u qed jissottometti r-rapport tiegħu lill-Kumitat skont l-artikolu 22(3)(b) tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika.

36. Skont il-proċedura miftehma mal-Kumitat, dan l-Uffiċċju qed jinforma lill-Ilmentaturi u lill-Ministru Chris Bonett li r-rapport ġie sottomess lill-Kumitat, u dan mingħajr ma jingħataw kopja tiegħu. Huwa rakkomandat li:

(a) il-Kumitat jirrilaxxa dan ir-rapport kemm jista' jkun malajr fl-interess tat-trasparenza; u

(b) il-Kumitat jirreferi r-rapport lis-Segretarju Permanenti Ewlieni sabiex tiġi mfassla policy dwar x'tip ta' stqarrijiet jistgħu jinħarġu permezz tad-Dipartiment tal-Informazzjoni, kif rakkomandat fil-paragrafu 28 ta' dan ir-rapport, bil-għan li ma jinħarġux aktar stqarrijiet partiġġjani.

**Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi**
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

**Dokumenti Annessi**

| | |
|---|---|
| Dokument A | Ittra datata 3 ta' Lulju 2025 mingħand l-Onor. Mark Anthony Sammut u l-Onor. Dr Joe Giglio. |
| Dokument A1 | Stqarrija nru PR251194, maħruġa mid-Dipartiment tal-Informazzjoni fit-2 ta' Lulju 2025. |
| Dokument B | Ittra datata 8 ta' Lulju 2025 lill-Ministru Chris Bonett. |
| Dokument Ċ | Risposta mibgħuta mill-Ministru Chris Bonett fil-5 ta' Awwissu 2025. |

DOKUMENT A

3 ta' Lulju 2025

Il-Prim Imħallef Emeritu Dott. Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika
11, Triq San Pawl,
Il-Belt Valletta VLT 1210

Għażiż Sur Kummissarju,

**Rig: Ilment dwar il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, l-Onor. Chris Bonett**

Niktbulek b'referenza għall-istqarrija maħruġa mill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi nhar l-Erbgħa ta' Lulju 2025 permezz tad-Dipartiment tal-Informazzjoni (PR251194) u li kopja tagħha tinsab mehmuża ma' din l-ittra.

L-imsemmija stqarrija ġiet maħruġa mill-Ministeru mmexxi mill-Onor. Chris Bonett wara li aktar kmieni dakinhar stess tat-2 ta' Lulju 2025, aħna fil-funzjoni tagħna ta' Shadow Minister għat-Trasport u l-Mobbiltà u Shadow Minister għall-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, għamilna konferenza tal-aħbarijiet fejn kritikajna l-fatt li numru ta' miżuri li l-Ministru kien ħabbar li kellhom jidħlu fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2025 kienu għadhom ma twettqux.

Fl-istqarrija maħruġa mill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi fost oħrajn jingħad:

> "Il-fatt li l-Partit Nazzjonalista konsistentament jipprova jattakka r-riformi u fl-istess nifs jgħid li l-Gvern qed jikkopja l-ideat tagħhom turi immaturità politika, nuqqas ta' kredibilità u aktar minn hekk konferma li l-Oppożizzjoni ma tridx li t-trasport verament jiġi indirizzat f'pajjiżna. Komdi biss jikkritikaw imma ma jipproponu xejn."
>
> ...
>
> "L-istqarrija tad-deputati Mark Anthony Sammut u Joe Giglio mimlija ineżattezzi u anke nuqqas ta' verità u jidher ċar li l-politika tagħhom hija dettata minn terzi u mhux minnhom jew mill-Partit Nazzjonalista."
>
> ...

"Dan għad-differenza ta' amministrazzjonijiet preċedenti u l-oppożizzjoni tal-ġurnata li qatt ma offriet xejn f'dan is-settur u għadha bla ideat sal-lum"

Fil-fehma tagħna dawn il-kummenti partiġġjani u inveritieri, kif ukoll it-ton u l-kontenut tal-imsemmija stqarrija, jammontaw għal ksur ta' numru ta' dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari fosthom:

4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.

4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.

7.4 Il-Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubblikuma tkunx abbużata. Il-Ministri għandhom id-dover li qabel jaslu għal xi deċiżjoni huma jagħtu kunsiderazzjoni xierqa lill-firxa kemm jista' jkun wiesgħa ta' pariri, inkluż billi jagħtu piż lill-parir infurmat u imparzjali tal-uffiċjali jew impjegati pubbliċi.

Fid-dawl ta' dan kollu, niġbdulek l-attenzjoni għall-fatt li stqarrijiet simili għal dik tal-Ministeru mmexxi mill-Onor. Chris Bonett diġà nstab li jiksru l-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari u f'dan ir-rigward ġentilment nirreferuk għal dawn it-tliet rapporti:

1. Rapport dwar il-każ K/058 maħruġ nhar it-30 ta' Awissu 2024 fir-rigward tal-Ministru Miriam Dalli dwar kontenut partiġġjan fi stqarrija għall-istampa maħruġa permezz tad-Dipartiment tal-Informazzjoni; u

2. Rapport dwar il-każ K/030 maħruġ nhar il-25 ta' Jannar 2021 fir-rigward tal-Ministru Silvio Schembri dwar kontenut partiġġjan fi stqarrija għall-istampa maħruġa permezz tad-Dipartiment tal-Informazzjoni; u

3. Rapport dwar il-każ K/004 maħruġ nhar id-9 ta' Awwissu 2019 fir-rigward tal-Ministru Konrad Mizzi dwar il-pubblikazzjoni ta' stqarrija permezz tad-Dipartiment tal-Informazzjoni li ma kenitx xierqa fit-ton u l-kontenut.

Ippermettilna nenfasizzaw miegħek ukoll li, fid-dawl ta' dawn iż-żewġ rapporti, il-Ministri u s-Segretarju Parlamentari żgur huma kollha konxji li m'għandhomx jużaw id-Dipartiment tal-Informazzjoni biex joħorġu stqarrijiet tat-tip li diġà ġie misjub mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika li jiksru l-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari.

Għalhekk fil-fehma umli tagħna, huwa meħtieġ li dan l-aġir jiġi kkundannat u jkun hemm l-impożizzjoni ta' sanzjoni, u mhux sempliċiment tiġi aċċettata xi stqarrija tal-Ministru Bonett lill-uffiċċju mmexxi minnek bħala rimedju għall-ksur ċar u manifest tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li issa qed isir b'mod ripetut.

F'dan ir-rigward fl-imsemmi rapport dwar il-każ K/030 maħruġ nhar il-25 ta' Jannar 2021 jingħad b'mod ċar li l-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika ser jikkunsidra każijiet futuri b'mod aktar serju (ara l-paragrafu 31 tal-imsemmi rapport).

Għaldaqstant filwaqt li qegħdin inressqu dan l-ilment għall-konsiderazzjoni tiegħek, ġentilment nitolbuk twettaq investigazzjoni u tasal għal dawk il-konklużjonijiet u tagħmel dawk ir-rakkomandazzjonijiet li jidhirlek li jkunu xierqa f'dan il-każ. Aħna nibqgħu fi kwalunkwe ħin u ċirkostanzi disposti li nipprovduk bl-informazzjoni u bl-ispjegazzjonijiet li jista' tkun meħtieġ.

Insellu għalik,

L-Onor. Mark Anthony Sammut
Shadow Minister għat-Trasport u l-Mobbiltà

L-Onor. Joe Giglio
Shadow Minister għall-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

DOKUMENT A1

GOVERNMENT OF MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION

PRESS RELEASE

| | | |
|---|---|---|
| PR251194 | 02.07.2025 | NONE |

**STQARRIJA MILL-MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI**

Il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, Chris Bonett, jikkundanna l-miżrippreżentazzjoni tal-fatti mill-Oppożizzjoni dwar il-miżuri marbuta mal-inizjattiva 'Reshaping Our Mobility'.

Wara li l-Ministru Bonett laqqa' lill-ġurnalisti t-Tnejn li għadda u ta aġġornament bil-miżuri mwettqa sa issa, dawk li se jitwettqu fil-ġimagħtejn li ġejjin u miżuri oħra li twettqu qabel iż-żmien oriġinarjament ippjanat, l-Oppożizzjoni ħarġet tikkritika l-pjanijiet u l-implimentazzjoni tagħhom. Dan minkejja li dawn il-miżuri se jkunu qed jiġu implimentati fit-totalità tagħhom fuq medda ta' 18-il xahar u wara li saru konsultazzjonijiet kontinwi mal-esperti, mal-imsieħba soċjali u mal-pubbliku.

Il-Ministru Chris Bonett sostna li, "Mill-mument li ħabbart dawn il-miżuri f'Marzu li għadda, żammejt kelmti mal-ġurnalisti li perjodikament nagħtihom żviluppi fuq kif qed jiġi mwettaq dan il-pjan. Il-fatt li l-Partit Nazzjonalista konsistentament jipprova jattakka r-riformi u fl-istess nifs jgħid li l-Gvern qed jikkopja l-ideat tagħhom turi immaturità politika, nuqqas ta' kredibilità u aktar minn hekk konferma li l-Oppożizzjoni ma tridx li t-trasport verament jiġi indirizzat f'pajjiżna. Komdi biss jikkritikaw imma ma jipproponu xejn."

L-istqarrija tad-deputati Mark Anthony Sammut u Joe Giglio mimlija ineżattezzi u anke nuqqas ta' verità u jidher ċar li l-politika tagħhom hija dettata minn terzi u mhux minnhom jew mill-Partit Nazzjonalista.

Fattwalment, dan il-gvern qed ibiddel il-mod kif nivvjaġġaw fil-pajjiż. Minn trasport pubbliku effiċjenti b'rotot ġodda u oħrajn estiżi, għal investimenti bla preċedent fit-trasport bil-baħar għal koordinament aħjar bejn l-entitajiet fejn jidħlu xogħlijiet fit-toroq għal għexieren ta' inċentivi biex jiġi organizzat aħjar it-trasport fil-pajjiż. Dan il-gvern kommess li jibqa' jirriforma, jieħu deċiżjonijiet kuraġġużi, fuq kollox bl-għajnuna u l-involviment tan-nies. Dan għad-differenza ta' amministrazzjonijiet preċedenti u l-oppożizzjoni tal-ġurnata li qatt ma offriet xejn f'dan is-settur u għadha bla ideat sal-lum.

3, Castille Place, Valletta VLT 2000. Malta
T +356 2200 1700 E press.releases@gov.mt
www.doi.gov.mt

DOKUMENT B



8 ta' Lulju 2025

L-Onorevoli Chris Bonett
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi

Bl-email fuq chris.bonett@gov.mt

Onor. Ministru,

**Każ K/082 - Ħruġ ta' stqarrija uffiċjali li tinkludi kontenut ta' natura partiġġjana**

Irċevejt ilment fejn ġie allegat illi saru kummenti partiġġjani tramite stqarrija rrilaxxata mill-ministeru tiegħek permezz tad-Dipartiment tal-Informazzjoni nhar it-2 ta' Lulju 2025. L-ilment huwa anness ma' din l-ittra.

Jien qed nikkunsidra dan l-ilment fid-dawl tal-artikoli 4.9, 4.10 u 7.4 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari, li jinsab fit-tieni skeda tal-Att dwar Standards fil-Ħajja Pubblika (il-kapitolu 570 tal-liġijiet ta' Malta):

> *4.9 Il-Ministri għandhom iżommu separati r-rwoli tagħhom bħala Ministri u bħala Deputati, kif ukoll ir-rwol tagħhom bħala membru ta' partit politiku.*
>
> *4.10 Il-Ministri għandhom jirrispettaw il-prinċipju tal-imparzjalità politika tas-servizz pubbliku.*
>
> *7.4 Il-Ministri għandhom jirrispettaw l-imparzjalità tas-servizz pubbliku u jaraw illi l-influwenza tagħhom fuq is-servizz pubbliku ma tkunx abbużata. Il-Ministri għandhom id-dover li qabel jaslu għal xi deċiżjoni huma jagħtu kunsiderazzjoni xierqa lill-firxa kemm jista' jkun wiesgħa ta' pariri, inkluż billi jagħtu piż lill-parir infurmat u imparzjali tal-uffiċjali jew impjegati pubbliċi.*

Inti mitlub tagħti l-veduti tiegħek b'mod ġenerali dwar il-punti mqajma fl-ilment, u b'mod partikolari tgħidli għalfejn id-dikjarazzjonijiet riprodotti taħt ġew inklużi fl-istqarrija li hija s-suġġett tal-ilment:

> *"Il-fatt li l-Partit Nazzjonalista konsistentament jipprova jattakka r-riformi u fl-istess nifs jgħid li l-Gvern qed jikkopja l-ideat tagħhom turi immaturità politika, nuqqas ta' kredibilità u aktar minn hekk konferma li l-Oppożizzjoni ma tridx li t-trasport verament jiġi indirizzat f'pajjiżna. Komdi biss jikkritikaw imma ma jipproponu xejn."* u

*"L-istqarrija tad-deputati Mark Anthony Sammut u Joe Giglio mimlija ineżattezzi u anke nuqqas ta' verità u jidher ċar li l-politika tagħhom hija dettata minn terzi u mhux minnhom jew mill-Partit Nazzjonalista."* u

*"Dan għad-differenza ta' amministrazzjonijiet preċedenti u l-oppożizzjoni tal-ġurnata li qatt ma offriet xejn f'dan is-settur u għadha bla ideat sal-lum."*

Ġentilment mitlub twieġeb sa mhux aktar tard mit-**Tnejn 4 t'Awwissu 2025**.

Insellimlek,

Prim Imħallef Emeritu Joseph Azzopardi
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

DOKUMENT Ċ

Onorevoli Kummissarju,

Nixtieq nirreferi għall-ilment imressaq fil-konfront tiegħi rigward l-istqarrija maħruġa permezz tad-Dipartiment tal-Informazzjoni (DOI).

Jiena nirrispetta bis-sħiħ il-mandat ta' l-Uffiċċju tiegħek; madankollu nemmen li l-ilment fil-konfront tiegħi irid jiġi ikkunsidrata fid-dawl tal-obbligi kostituzzjonali li fuqhom tistrieħ il-funzjoni ministerjali u l-prinċipji fundamentali tad-demokrazija parlamentari f'pajjiżna.

L-ewwel nett, il-Kostituzzjoni (fl-artikolu 79(2)) tagħti lill-Kabinett "d-direzzjoni ġenerali u l-kontroll tal-Gvern ta' Malta" u tagħmlu kollettivament responsabbli lejn il-Parlament. Din ir-responsabbiltà kollettiva bla dubju toħloq dmir li nirreaġixxu b'mod ċar, pront u effikaċi, u nikkoreġu l-fatti meta l-Oppożizzjoni tagħmel kritika li ma tkunx sewwa mal-verità. Hija parti mir-responsabbiltà eżekuttiva li kritika li (kjarament intenzjonalment) tkun priva minn fondament veritier tiġi mwieġba bl-għodda komunikattiva li għandu l-Ministeru. Nitolbok kordjalment terġa tara l-istqarrija tal-Ministeru, u se ssib li l-fokus huwa b'reazzjoni għall-ineżattezzi magħmula fl-istqarrija li kienet qed tiġi mwieġba - l-enfasi baqgħet fuq id-dibattitu dwar il-*policy* tal-Gvern fis-suġġett in diskussjoni, u ma ntuża l-ebda insult personali jew lingwaġġ mhux xieraq.

Dan magħdud, irid jingħad illi tali stqarrija korrettorja inevitabilment trid tirreferi għall-vejikolu utilizzat minn dik il-persuna li tagħżel li tagħmel stqarrija mimlija ineżattezzi (il-partit), xi ħaġa din naturali ikkunsidrat illi fis-sistema Maltija, l-irwol tal-membri tal-kabinett, tal-membri tal-opposizzjoni, u tal-membri parlamentari b'mod ġenerali huwa intrinsikament marbut, anke skont il-Kostituzzjoni, mal-appartenenza politika. Tabilħaqq, wara kollox, jekk nippretendu li l-irwol ta' Ministru jiġi separat għal kollox mill-funzjoni tiegħu ta' membru parlamentari, niżnaturaw dak proprju li trid il-Kostituzzjoni, li tipprovdi lill-Prim Ministru "jaħtar lill-Ministri l-oħra minn fost il-membri tal-Kamra tad-Deputati", għaliex finalment, il-Ministri jintagħżlu fost il-membri tal-Kamra tad-Deputati u persuna li ma huwiex membru tal-Kamra tad-Deputati ma jistax ikun Ministru. Il-Ministri, *by design*, huma u għandhom ikunu politiċi ta' partit, u ministru huwa inerentement figura politika. L-Artikoli 79 sa 82 tal-Kostituzzjoni jistabbilixxu li l-Kabinett hu magħmul minn Membri tal-Parlament li jinħatru proprju għax igawdu l-appoġġ tal-maġġoranza parlamentari, u huma inkarigati "mid-direzzjoni ġenerali u l-kontroll tal-Gvern ta' Malta". Għalhekk hu impossibbli li wieħed jissepara kompletament il-vuċi istituzzjonali ta' Ministru mill-identità politika tiegħu; il-Kostituzzjoni nnifisha

tagħmel din il-koeżistenza inevitabbli. It-test ma għandux ikun il-vejikolu użat, iżda l-lingwaġġ.

Tabilħaqq, l-ilment b'riferenza għall-artikolu 4.9 tal-Kodiċi ta' Etika għall-Ministri u Segretarji Parlamentari huwa tassew ironiku (għax dan jitkellem ukoll fuq is-separazzjoni bejn id-Deputat, u l-partit li l-istess Deputat huwa membru fih), meta kif jiġri dejjem (u kif seħħ f'dan il-każ), Deputat Parlamentari juża l-vejikolu u r-riżorsi tal-partit tiegħu biex jattakka l-politika tal-Gvern – biex hu stess ikun qed jikser id-dover ta' separazzjoni bejn il-funzjoni tad-Deputat u dak ta' membru ta' partit politiku. Nistiednek ġentilment tara t-traskritt tal-konferenza stampa tal-Onor. Mark Anthony Sammut u l-Onor. Joe Giglio (li tat lok għall-istqarrija tal-Ministeru mertu ta' dan l-ilment) (Dokument 'A'), li fiha l-kelliema bdew hekk: *"L-għodwa t-tajba. Nilqgħakom għal din il-konferenza stampa tal-Partit Nazzjonalista flimkien miegħi il-kollega Joe Giglio, kelliem tal-Oppożizzjoni għall-Infrastruttura u Proġetti Kapitali."* – l-istess taħlita tal-irwoli li l-istess nies qed jilmentaw minnha fl-ilment miktub lilek!

Lil'hinn mill-ironija tas-sitwazzjoni - għalhekk, kwalunkwe talba jew pretiża biex Ministru jiġi miżmum għal kollox 'il bogħod minn kwalunkwe espressjoni ta' lealtà lejn il-Gvern li jifforma parti minnu skont il-Kostituzzjoni, u lejn l-opposizzjoni avversarja politika tiegħu – anke skont il-liġi stess - hija, fil-prattika, impossibbli u ma ssib ebda appoġġ fl-istess test kostituzzjonali.

Min-naħa l-oħra, il-Ministru responsabbli għandu d-dover li jispjega u jiddefendi l-għażliet eżekuttivi, u b'hekk, il-prinċipju ta' ugwaljanza tal-armi fil-diskors politiku jeżiġi li l-Eżekuttiv ikun jista' jwieġeb permezz ta' kanal uffiċjali li jilħaq lill-pubbliku bl-istess intensità, inkella l-għażla tkun waħda inġusta u potenzjalment dannuża għall-interess ġenerali. Ministru jkun qed jonqos kemm-il darba jkun hemm miżrappreżentazzjoni ta' *policy* tal-Gvern u din ma tiġix korretta tramite l-kanali uffiċjali tal-Gvern. Ir-riforma tat-trasport f'Malta taffettwa direttament lil kulħadd, u dikjarazzjonijiet inveritieri huma perikolużi, anke għaliex jistgħu jaffetwaw il-fiduċja tal-pubbliku u deċiżjonijiet dwar investimenti. Għalhekk il-Gvern għandu interess leġittimu, jekk mhux l-obbligu li jippreċiża u jikkoreġi fejn ħaddieħor jipprova jiżgwida.

Tabilħaqq, l-istqarrija f'dan il-każ kienet indirizzata lejn materja ta' politika pubblika – immirata biex tindirizza l-ineżattezzi fattwali, anke dawk magħmula b'intenzjoni ħażina. Huwa għalhekk daqstant pertinenti dan għall-missjoni primarja tad-DOI li

jqarreb il-Gvern lejn iċ-ċittadin kif diġà rrikonoxxa l-Uffiċċju tiegħek f'każijiet preċedenti. Meta Deputati fl-Oppożizzjoni iressqu stqarrija b'ton partiġġjan permezz ta' konferenza stampa jew stqarrija pubblika, u meta tali stqarrija u/jew konferenza stampa hija indirizzata b'mod car lill-Ministru direttament bħala s-suġġett ta' tali stqarrija u/jew konferenza stampa, u mhux lill-Ministeru, huwa raġonevoli li l-Ministru konċernat ikun jista' jwieġeb permezz tal-kanali li l-liġi tipprovdi biex l-informazzjoni governattiva tasal b'mod uniformi u uffiċjali għand il-media u l-poplu. Għandek tara li l-istqarrija issemmi lill-Ministru konċernat biss bħala dak li tkellem f'isem il-Ministeru immexxi lilu, u bl-ebda mod ma tfittex xi tip ta' promozzjoni jew vantaġġ politika għalih nniffsu bħala kandidat prospettiv, iżda dejjem tibqa' konsistentement tali li tindirizza l-ineżattezzi u l-iskorrettezza tal-istqarrija li kienet qed tiġi mwieġba. Ir-riforma tat-trasport f'Malta taffettwa direttament lil kull pendolarju. Dikjarazzjonijiet żbaljati li l-programm qed "jikkopja ideat" jew li "se jfalli" jistgħu jmermlu l-fiduċja tal-pubbliku u jdawru ħażin id-deċiżjonijiet ta' investiment. Għalhekk il-Gvern għandu interess leġittimu—u saħansitra obbligu skont l-Artikolu 79(2) li jkun "kollettivament responsabbli"—li jagħti ċċarifikazzjoni pronta u awtorevoli permezz tad-DOI, il-kanal bl-iktar firxa u bit-timbru l-aktar ċar ta' preċiżjoni u awtorevolezza.

Apparti hekk, dan il-każ ma jistax jiġi mxebbah ma' każijiet oħra li mad-daqqa t'għajn jistgħu jidhru simili. L-istqarrija maħruġa kienet tali li tiddefendi il-politika tal-Ministeru minn kritika mimlija ineżattezzi u skorrettezzi; tabilħaqq, it-ton kien wieħed *policy-focused* u fattwali, u mingħajr riferenza kwalsijasi lejn il-persuna tal-awturi li l-istqarrija li kienet qed tiġi indirizzata.

Għal dawn ir-raġunijiet, nissottometti umilment li l-istqarrija għall-istampa in kwistjoni kienet skont il-Kostituzzjoni, proporzjonata fit-ton u fil-kontenut, u perfettament taqa' fi ħdan l-obbligu tiegħi ta' Ministru.

Inselli għalik,

